# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Rikors Guramentat Numru:- 344/2019 JVC**

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli, fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti Chi Ping Martin Lau u Millie Mum-Yee Tong Lau bhala l-genituri tat-tifla komuni minuri taghhom Borg Yan Michelle Lau sive Michelle Borg Yan Lau**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli nomine kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti Borg Yan Michelle Lau sive Michelle Borg Yan Lau, kif debitament rappresentata, twieldet fil-Baptist Hospital gewwa Hong Kong fil-25 ta' Awwissu 2004, u dana skont ma jirrisulta mill-Att tat-Twelid li jgib in-numru tar-registrazzjoni Y955587(9) mahrug mir-Registrar of Births and Deaths, li kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**ML-2**";

2. Illi skont ma jirrisulta mill-imsemmi Certifikat tat-Twelid, mat-twelid tieghu r-rikorrenti inghatat zewg ismijiet Cinizi u cioe' "Borg Yan", liema ismijiet jirrapresentaw it-traslitterazzjoni ingliza tal-karattri Cinizi rispettivi illi jidhru fit-tielet (3) kaxxa tal-istess Certifikat fejn jigi indikat isem il-persuna li tkun twieldet. Kunjom ir-rikorrenti huwa "Lau";

3. Illi b'zieda ma' dan, ghal ragunijiet tradizzjonali u prattici prevalenti fit-territorju ta' Hong Kong bhala kolonja Ingliza precedenti, ir-rikorrenti inghatat wkoll isem Ingliz u cioe' "Michelle", liema isem pero' ma jsibx l-ekwivalent tieghu f'karattru Ciniz u ghalhekk l-istess Certifikat tat-Twelid ma jikkontjenix rapprezentazzjoni ta' dak l-isem f'karattru Ciniz. Difatti, u minhabba f'hekk, meta isem Ingliz jinghata lill-wild fil-mument tat-twelid tieghu, dana jitnizzel immedjatament wara t-traslitterazzjoni ingliza tal-ismijiet Cinizi kif l-ewwel rapprezentati b'karattri Cinizi. Dana kollu skont ma jafferma n-Nutar Pubbliku Siu Fung Li fl-Opinjoni Legali tieghu hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**ML-3**";

4. Illi dejjem skont l-imsemmi opinjoni legali, ma hemm l-ebda regoli fissi fis-sistema legali ta' Hong Kong dwar is-sekwenzjar ta' isem Ingliz fil-konfront tal-isem Ciniz illi jkun inghata, sia meta

dan l-isem Ingliz jinghata mat-twelid sia wkoll meta jigi assunt sussegwentement; tant illi meta l-persuna koncernata tigi sabiex taghlaq l-eta' ta' hdax (11) il-sena u ghalhekk skont il-ligi ta' Hong Kong tinhareg Karta tal-Identita' a favur taghha, il-genituri ta' dik il-persuna ghandom il-liberta' li jaghzlu fil-formola tal-applikazzjoni relattiva jekk l-isem Ingliz jitqieghedx qabel jew wara l-isem Ciniz. Dan skont kif il-persuna koncernata tkun saret maghrufa;

5. Illi fil-kaz odiern, ir-rikorrenti kienet dejjem u konsistentement maghrufa bl-isem "Michelle Borg Yan", skont ma anke' jirrisulta minn diversi certifikati mahruga gewwa Hong Kong fil-qasam edikattiv, sport u sahha li kopji awtentikati taghhom huma hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti "**ML-4A – ML-4J**"; u ghalhekk u proprju ghal din ir-raguni fis-26 ta' Awwissu 2015 meta r-rikorrenti kienet ghalqet l-eta' ta' hdax (11) il-sena ommha stess bhala genitur taghha filwaqt illi kienet ipproduciet ic-Certifikat tat-Twelid taghha kienet applikat ghall-hrug tal-karta tal-identita' taghha b'dan l-isem u cioe' "Michelle Borg Yan", u l-Awtoritajiet kompetenti minn naha taghhom ipprocedew sabiex johorgu l-istess Karta' tal-Identita' li jgib l-istess numru Y955587(9) b'dan l-istess isem skond kopja awtentika tal-istess hawn anness u mmarkat bhala Dokument "**ML-5**";

6. Illi wkoll skont ma jafferma l-imsemmi Nutar Pubbliku Siu Fung Li fl-istess opinjoni legali tieghu fuq riferita, tenut kont ukoll ta' dak illi gie affermat fir-rigward tas-sekwenzjar tal-ismijiet ta' persuna fic-Certifikat tat-Twelid taghha, tali kambjament fis-sekwenzjar tal-isem Ingliz fil-konfront tal-ismijiet Cinizi skont kif l-istess ismijiet jidhru fic-Certifikat tat-Twelid ma jikkostitwixxix xi tibdil fl-isem skont il-ligi ta' Hong Kong. Tali tibdil kien li kieku

jirrikjedi li jsir jew permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub quddiem Registratur qabel mal-persuna koncernata taghlaq l-eta' ta' hdax (11) il-sena u jkun inhargitilha karta tal-identita', jonkella f'kaz illi l-persuna tkun diga' ghalqet l-eta' ta' hdax (11) il-sena u tkun diga' inhargitilha karta tal-identita' skont il-ligi, permezz ta' Deed Poll;

7. Illi in sostenn ta' dana kollu, u b'mod partikolari in sostenn tal-isem li bih ir-rikorrenti hija fil-fatt debitament registrata mar-Registration of Persons Office fid-Dipartiment tal-Immigrazzjoni gewwa Hong Kong, ir-rikorrenti applikat ghal u fid-19 ta' Jannar 2019 ottjeniet il-hrug skont il-ligi ta' Certificate of Registered Particulars illi qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "**ML-6**". Dan ic-certifikat juri bic-car illi isem ir-rikorrenti huwa "Michelle Borg Yan", u illi ilu hekk registrat ufficjalment sa mis-26 ta' Awwissu 2015;

8. Illi fit-2 ta' Ottubru 2017 ir-rikorrenti, bhala minuri dipendenti ta' ommha bhala l-applikanti principali, ottjeniet permezz tar-Regolamenti dwar il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubbblika ta' Malta (S.L. 188.03) ic-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, skont id-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta), kif jirrisulta mic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**ML-7**";

9. Illi l-fuq imsemmi Certifikat ta' Cittadinanza Maltija inhareg bl-isem "Borg Yan Michelle" minkejja illi r-rikorrenti kienet issottomettiet l-applikazzjoni taghha lill-Agenzija Identity Malta sabiex tikseb il-fuq imsemmija cittadinanza Maltija permezz tan-naturalizzazzjoni bl-isem li bih hija kienet minn dejjem u

konsistentement maghrufa u msejha, u cioe' dak ta' "Michelle Borg Yan", kif jirrisulta mill-kopja tal-istess applikazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**ML-8**";

10. Illi difatti l-isem tar-rikorrenti huwa indikat bhala "Michelle Borg Yan", fost dokumenti ufficjali ohra, kemm (i) fil-fuq riferita karta tal-identita' Nazzjonali ta' Hong Kong mahruga fir-rigward taghha mill-awtorijiatijet kompetenti gewwa Hong Kong; (ii) fil-Passaport ta' Hong Kong numru K05036491 mahrug ukoll fir-rigward taghha mill-awtoritajiet kompetenti gewwa Hong Kong li kopja awtentika tieghu huwa hawn anness u mmarkat bhala Dokument "**ML-9**", kif ukoll (iii) fil-fuq riferit Certificate of Registered Particulars;

11. Illi bhala parti mill-process ghall-ksib tac-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, ir-rikorrenti kienet applikat lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex l-Att tat-twelid taghha jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dana sabiex a bazi ta' hekk ikunu jistghu jinhargu a favur tal-istess rikorrenti c-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija u l-passaport Malti;

12. Illi ghalkemm ir-rikorrenti kienet ghall-ewwel ipprovat tapplika ghal tali registrazzjoni bil-fuq imsemmi isem shih li bih hija kienet minn dejjem u konsistentement maghrufa u msejha, u cioe' dak ta' "Michelle Borg Yan", skont kopja awtentika tal-istess applikazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**ML-10**", l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku kien irrifjuta li l-applikazzjoni ssir f'dak l-isem, billi baqa' jinsisti illi r-registrazzjoni kellha bilfors issir *ad litteram* skont kif isem ir-rikorrenti kien imnizzel fic-Certifikat tat-Twelid originali taghha kif mahrug mill-Awtoritajiet ta' Hong Kong; u difatti r-rikorrenti ma kellha l-ebda ghazla ohra hlief li tissottometti applikazzjoni

ohra bl-isem "Borg Yan Michelle" skont kopja tal-istess applikazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**ML-11**";

13. Illi in segwitu ghal dina l-applikazzjoni, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku irregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti fit-3 ta' Ottubru 2017 bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 5873, skont ic-Certifikat tal-istess Att tat-Twelid mahrug mill-istess intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fis-27 ta' Gunju 2018 hawn anness u immarkat bħala Dokument "**ML-12**", fejn isem ir-rikorrent huwa imnizzel bhala "Borg Yan Michelle";

14. Illi l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku kien baqa' jinsisti fuq il-posizzjoni tieghu minkejja illi kien anke' giet lilu ppresentata sussegwentement kopja awtentika ta' Deed Poll illi kien sar f'Hong Kong fil-15 ta' Dicembru 2017, kopja awtentikata tal-istess hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**ML-13**". Fir-rigward ta' id-Deed Poll, u skont ma jafferma l-imsemmi Nutar Pubbliku Siu Fung Li fl-opinjoni legali tieghu fuq riferita u hawn annessa, ghalkemm fil-kaz tar-rikorrenti ma kienx mehtieg skont il-ligi ta' Hong Kong illi jsir tali Deed Poll, billi hawn *non si tratta* b'xi tibdil fl-isem, madankollu dana kien sar semplicement ghal motivi ta' formalita';

15. Illi l-isem tar-rikorrenti fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid fil-fatt ma jirriflettix l-isem li bih hija kienet minn dejjem u konsistentement maghrufa u msejha, u cioe' dak ta' "Michelle Borg Yan";

16. Illi bhala konsegwenza ta' dan il-Passaport Malti, li kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkat bhala Dokument "**ML-14**", illi gie mahrug sussegwentement a favur tar-rikorrenti

mill-Awtoritajiet kompetenti Maltin, jindika isem ir-rikorrenti bhala "Borg Yan Michelle"; bir-rizultat illi dawn l-istess dokumenti ma jirriflettux l-isem attwali ta' "Michelle Borg Yan" li bih ir-rikorrenti hija konsistentement maghrufa u imsejha u kif dan l-isem huwa imnizzel fid-diversi dokumenti esibiti mahruga f'Hong Kong;

17. Illi kif fuq premess, u kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-isem tar-rikorrent huwa dak ta' "Michelle Borg Yan", b'liema isem l-istess rikorrenti kienet ukoll minn dejjem u konsistentement maghrufa u msejha, u isimha m'huwiex "Borg Yan Michelle" skont kif gie indikat fl-imsemmi Att tat-Twelid registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-3 ta' Ottubru 2017 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5873;

18. llli ghalhekk ir-rikorrenti tixtieq illi jigi amendat l-Att tat-Twelid taghha kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-3 ta' Ottubru 2017 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5873, sabiex jirrifletti l-isem li bih l-istess rikorrenti kienet minn dejjem u konsistentement maghrufa u msejha u cioe' dak ta' "Michelle Borg Yan";

19. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, ghar-ragunijiet premessi :-

1. Tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5873 kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-3 ta' Ottubru 2017, billi l-isem "Michelle" jigi registrat fl-istess Att tat-Twelid bhala l-

ewwel isem tar-rikorrenti, u ghalhekk qabel l-ismijiet l-ohra "Borg Yan", liema ismijiet l-ohra ghandhom konsegwentement jigu registrati bhala t-tieni u t-tielet ismijiet tar-rikorrenti, u dana sabiex b'hekk, u b'rispett shih tal-mod li bih ir-rikorrenti kienet minn dejjem u konsistentement maghrufa u msejha, l-isem shih tal-istess rikorrenti jigi jinqara "Michelle Borg Yan" bhala isem u "Lau" bhala kunjom; u konsegwentement;

2. Tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti illi jindika illi saret tali korrezzjoni u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili; u konsegwentement ukoll;

3. Tordna illi l-bdil effettwat fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti in segwitu ghall-korrezzjoni u reġistrazzjoni relattiva jiġi rifless ukoll f'kull Att ta' l-istat ċivili iehor relattiv għall-istess rikorrent.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat illi minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi ai termini tal-Artikolu 257 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, cittadini Maltin ghandhom rimedju billi japplikaw mal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili sabiex isiru l-annotazzjonijiet mehtiega "fejn ir-registrazzjoni ta' persuna bhala cittadin ta' Malta ssir jew tkun se ssir abbazi tal-isem u, jew il-kunjom li jkunu jidhru fl-att tat-twelid ta' dik il-persuna u din ir-registrazzjoni tkun tista' taghti lok ghall-holqien ta' identita` doppja jew nuqqas ta' kjarezza dwar l-identita` ta' dik il-

persuna peress illi dik il-persuna ma tkunx ghadha registrata b'dak l-isem u, jew il-kunjom fl-atti ufficjali ta' pajjiz iehor";

2. Illi bla hsara ghal premess u fil-mertu, l-esponent jeccepixxi illi ma huwiex edott mill-fatti hekk kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jeccepixxi ukoll illi ghalkemm l-posizzjoni tal-ligi taghna hija kuntrarja ghal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, ghajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Ligi, huwa minnu wkoll li recentement il-qrati taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' talbiet ghal bidliet tal-istat civili;

4. Illi fir-rigward tad-*deed polls*, ghalkemm dawn ma humiex regolati mil-ligi nostrana, ghandu jigi sottolinjeat illi l-Qrati taghna ddeciedew illi sabiex *deed poll* jkun jista' jigi rikonoxxut f'pajjiz esteru, ghandha: (1) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tieghu skont il-ligi tal-pajjiz koncernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' recistrazzjoni ;[1]

5. Illi fil-kaz odjern, saret talba ghar-registrazzjoni ta' Att tat-Twelid esteru ta' Borg Yan Michelle Lau, liema talba qieghda tigi annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 1.'. Flimkien ma' din it-talba, ir-rikorrenti ghan-nom ta' binhom, fornew lid-Direttur konvenut bl-Att tat-Twelid esteru tal-istess minuri, liema Att jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2'. F'tali kaz, l-esponent jissottolineja illi

[1] Vide s-sentenzi fl-ismijiet Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-16 ta' Lulju 2015, Jonathan Philip White (ID 212496M) u Patrick Leonard White (ID 214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' April 2019.

registrazzjoni ta' Att ta' Stat Civili ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet dik l-informazzjoni mill-Att tal-Istat Civili esteru u jirregistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti. Ghaldaqstant fil-kaz tal-minuri Borg Yan Michelle Lau, l-esponent ma setghax jiehu in konsiderazzjoni tad-*deed poll* u/jew tad-dokumenti kollha li kellhom a disposizzjoni taghhom, gialadarba l-esponent kellu obbligu li jsegwi l-procedura kif kontemplata f'Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk huwa pprovda lir-rikorrenti bl-Att tat-Twelid Malti tal-minuri, liema Att tat-Twelid jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3';

6. Illi stante s-suespost, l-esponenti umilment jirrileva li ghaldaqstant ma jirrizultax li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent stess;

7. Ili l-esponent jinnota illi r-rikorrenti ezebew mar-rikors promotur, *inter alia*, kopja tad-*deed poll* in kwistjoni u *legal opinion*, u dan bl-intiza li jsostnu t-talba kif dedotta minnhom stess. Fid-dawl ta' dan, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

8. Illi finalment u dan minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal datat 8 ta' Ottubru, 2019 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrenti Dottor Kevin F. Dingli nomine permezz tar-rikors guramentat odjern qed jitlob li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri Borg Yan Michelle Lau bin-numru ta' iskrizzjoni 5873 tas-sena 2017 u dan billi l-isem 'Michelle' jigi registrat bhala l-ewwel isem wara l-ismijiet 'Borg Yan' li ghandhom ikunu registrati bhala t-tieni u t-tielet isem tar-rikorrenti biex b'hekk ic-certifikat tat-twelid jigi jirrifletti l-isem li bih ir-rikorrenti hija maghrufa u cioe' dak ta' 'Michelle Borg Yan' u bhala kunjom dak ta' 'Lau'.

Rat illi fir-risposta tieghu d-Direttur intimat ressaq eccezzjoni preliminari fejn eccepixxa li ai termini tal-Artikolu 257 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikorrenti bhala cittadin ta' Malta kellha r-rimedju li tapplika quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili sabiex isiru l-annotazzjonijiet mehtiega. Id-Direttur intimat issottometta wkoll li meta huwa gie sabiex jirregistra l-att huwa mexa mat-termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn huwa silet l-informazzjoni mill-att tat-twelid esteru u *ad verbatim* irregistra dik l-informazzjoni fuq dak Malti. Mill-kumplament id-Direttur intimat irrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti salv li jigu prodotti l-ahjar provi u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi.

Rat illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari gie vverbalizzat mill-partijiet fis-seduta ta' nhar it-8 ta' Ottubru, 2019 li fir-rigward tal-ghazla dik kienet wahda fakultattiva.

Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 96 tal-process.

Rat illi fl-atti giet ipprezentata opinjoni legali dwar il-ligi u l-prattika f'Hong Kong mahruga minn Nutar Pubbliku LI Sui Fung aka Andrew Sui Fung LI li giet mahlufa fit-3 ta' Jannar, 2018. F'din l-opinjoni legali huwa spjega fid-dettal il-procedura tal-ismijiet uzata f'Hong Kong u kkonferma li kien huwa n-Nutar li rcieva d-deed poll relatata mar-rikorrenti (a fol. 14 sa fol. 37 tal-process).

Rat id-deposizzjoni ta' Lau Chi Ping Martin – missier il-minuri Borg Yan Michelle Lau u Lau Tong Mum Yee Millie – omm il-minuri Borg Yan Michelle Lau permezz tal-procedura tal-affidavit fejn entrambi kkonfermaw bil-gurament li l-isem uzat minn binthom huwa dak ta' Michelle Borg Yan Lau u dan huwa rifless kemm fil-karta tal-identita' kif ukoll fil-passaport ta' Hong Kong u f'diversi dokumenti fosthom fic-certifikati tal-iskola li jindikaw l-isem bhala dak ta' Lau Michelle Borg Yan (affidavit tal-missier a fol. 117 sa fol. 126 u tal-omm a fol. 114 sa fol. 116 tal-process).

Rat id-dokumenti esebiti fosthom vera kopja ta' Student Identity Card mahrug mill-International Christian School (a fol. 38 tal-process); vera kopja ta' ittra mahruga minn Chubb Insurance Hong Limited fir-rigward ta' Travel Insurance Certificate datata 20 ta' Gunju, 2018 (a fol. 39 tal-process); vera kopja ta' certifikat ta' attendance/treatment/investigations mahrug minn Dr Linda Ho datat 20 ta' Lulju, 2018 (a fol. 40 tal-process); vera kopja ta' certifikat ta' Livell 4 Diploma in Music Performance mahrug minn

Sarah Kemp – Chief Executive ta' Trinity College London datat 15 ta' Dicembru, 2016 (a fol. 41 tal-process); vera kopja ta' certifikat mahrug minn Vienna Music Examination Board datat 17 ta' Dicembru, 2016 (a fol. 42 tal-process); vera kopja ta' certifikat ta' meritu mill-Hong Kong Schools Music and Speech Association ghas-sena 2017 (a fol. 43 tal-process); vera kopja ta' transcript mahrug minn Dr Anissa Chan – Principal fi St Paul's Co-Educational College datat 7 ta' Lulju, 2017 (a fol. 44 tal-process); vera kopja ta' estratt mill-programm ghal Speech Day ta' St Paul's Co-Educational College datat 16 ta' Dicembru, 2016 (a fol. 45 sa fol. 74 tal-process); vera kopja ta' Report Card mahrug mill-International Christian School 2017 – 2018, Grade 7 datat 13 ta' Jannar, 2018 (a fol. 75 tal-process); vera kopja ta' ricevuta (ophthalmology) datata 6 ta' Gunju, 2018 mahruga minn Dr Leung Yu Lung , NKSH Healthcare (Admiralty) Limited (a fol. 76 tal-process); vera kopja tal-karta tal-identita' ta' Hong Kong (a fol. 77 u fol. 78 tal-process); vera kopja ta' certifikat ta' registered particulars mahrug mill-Awtoritajiet ta' Hong Kong (a fol. 79 tal-process); vera kopja tal-passaport ta' Hong Kong (a fol. 84 tal-process); vera kopja tac-certifikat tac-cittadinanza Maltija (a fol. 80 tal-process); vera kopja tal-applikazzjoni tal-Malta Individual Investor Programme Minor Dependent ghan-naturalizzazjoni bhala cittadin ta' Malta taht l-Artikolu 10(9)(b) tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta (a fol. 81 sa fol. 83 tal-process); vera kopja tal-applikazzjoni ntavolata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghar-registrazzjoni tal-Att tat-twelid (a fol. 85 sa fol. 86 tal-process); vera kopja tad-Deed Poll datata 15 ta' Dicembru, 2017 (a fol. 88 sa fol. 90 tal-process); vera kopja tal-passaport Malti (a fol. 91 tal-process).

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lill-persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi dan huwa kaz ta' registrazzjoni ai termini tal-artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li:

> *'(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita' kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita' ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*
>
> *(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba.'*

Illi f'kazijiet fejn jintalab li jigi registrat Att tat-twelid, jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz barra minn Malta, d-dettalji mnizzla fl-atti f'Malta jittiehdu minn fuq l-atti originali, jekk l-att originali jkun bil-lingwa Ingliza, altrimenti jkun l-att ikun bil-lingwa ta' pajjiz iehor ikun hemm bzonn ta' traduzzjoni tal-atti. Fil-kaz prezenti l-att tat-twelid mahrug minn Births and Deaths Registry ta' Hong Kong huwa ndikat kemm bil-lingwa ta' Hong Kong kif ukoll bil-lingwa Ingliza. Mic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti jirrizulta li hija registrata bl-isem ta' 'Borg Yan Michelle' u bhala kunjom 'Lau' (ara certifikat a fol. 13 tal-process). Fil-kaz prezenti qed jintalab li jkun hemm tibdil fis-sekwenza tal-ismijiet tal-minuri u dana sabiex jigi jirrifletti dak l-isem li hija maghruf bih.

Illi fl-opinjoni legali tan-Nutar Pubbliku LI Sui Fung aka Andrew Sui Fung li spjega l-mod li bih jigu registrati l-ismijiet gewwa Hong Kong kif ukoll l-mod kif jigu mibdula l-ismijiet. Huwa qal is-segwenti:

*'... Finally on the issue of a change of a person's name in Hong Kong, I wish to conclude by stating that whenever a change of name in respect of any person is legally effected in Hong Kong, following either one of the alternate procedures which i have outlined above and as are applicable dependant upon whether the person concerned has yet attained the age of 11 or otherwise, the original Certificate of Act of Birth relating to that person remains unaltered, since such Certificate of Act of Birth reflects the position concerning the person as it was officially recorded at the time of registration of that person's birth. However, the fact that the Birth Certificate remains unaltered does not mean that the name of the person concerned would not have been legally changed. In fact, the name would have been changed according to law, and such change is evidenced in the new Hong Kong Identity Card and Passport issued in favour of the person concerned, which duly reflects that change. Further evidence of the change of name may also be adduced from a Certificate of Registered Particulars which person concerned may request a registration officer to issue under the Registration of Persons Ordinance above referred to.*

*For the reasons mentioned earlier in this Affirmation, however, since the matter did not in fact concern a question of change of name (whether by alteration or addition), but only a question of recording the proper name sequence as consistently used in practice, in the cases of Matthew Borg Hymn Lau and Michelle Borg Yan Lau, there was in fact no requirement under Hong Kong Law either for any alteration or addition to be made to their given names as recorded in their respective Certificates of Act of Birth before attaining the age of eleven (11), not for any change of name*

*to be effected by virtue of Deed Poll. Had that not been the case, then it would not have been possible for the permanent Hong Kong Identity Cards (and subsequent Hong Kong Passports) to be issued in their favour in the names of Matthew Borg Hymn Lau and Michelle Borg Yan Lau as they in fact appear in the said Identity Cards and subsequent Passports.'*

Illi fid-dawl tal-opinjoni legali appena citata, mill-atti jirrizulta li fil-kaz prezenti kemm fil-karta tal-identita' kif ukoll fil-passaport ta' Hong Kong l-isem li bih hija maghrufa r-rikorrenti huwa dak ta' 'Michelle Borg Yan' f'din is-sekwenza u l-konjum 'Lau' (ara l-karta tal-identita' u l-passaport ta' Hong Kong a fol. 77 u fol. 78 u fol. 84 tal-process). Dan huwa wkoll ikkonfermat minn 'Certificate of Registered Particulars' datat 19 ta' Jannar, 2019 minn fejn jirrizulta li effettivament kien hemm kambjament fl-isem nhar is-26 ta' Awwissu, 2015 (ara certifikat a fol. 79 tal-process). Skont l-opinjoni legali tan-Nutar Pubbliku LI Sui Fung aka Andrew Sui Fung LI, fil-kaz prezenti ma kienx hemm bzonn li ssir korrezzjoni fil-att tat-twelid u dana stante li t-tibdil kien biss fis-sekwenza tal-uzu tal-ismijiet u mhux tibdil fl-ismijiet u jkompli jghid li lanqas kien hemm bzonn li jsir Deed Poll madanakollu fil-kaz prezenti bhala formalita' dan sar nhar il-15 ta' Dicembru, 2017 (a fol. 88 sa fol. 90 tal-process).

Din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita' tal-fatti fejn tidhol l-identita' ufficjali tal-persuna kkoncernata. Issa, din il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni gia elenkat u ezaminat precedentement id-dokumenti u c-certifikati li gew ezebiti mir-rikorrenti fl-atti, liema dokumenti jaghtu l-informazzjoni mehtiega sabiex din il-Qorti tista tasal ghat-talba odjerna. Huwa ta' rilevanza li bosta mid-dokumenti ezebiti huma relatati mal-edukazzjoni tal-minuri. Dawn ilkoll jindikaw li fuq numru ta' snin il-minuri minn dejjem kienet maghrufa bis-sekwenza tal-ismijiet indikati bhala 'Michelle

Borg Yan' u l-kunjom Lau.

Illi *in vista* tal-provi fl-atti, partikolarment l-opinjoni legali tan-Nutar Pubbliku LI Sui Fung aka Andrew Sui Fung LI u tas-suespost, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Stante izda li l-korrezzjoni mitluba ma tirrizultax minn xi zball da parti tad-Direttur intimat il-Qorti taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li fuq l-Att tat-twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5873 tas-sena 2017, l-isem 'Michelle' jigi registrat bhala l-ewwel isem tar-rikorrenti u ghalhekk qabel l-ismijiet l-ohra 'Borg Yan' li ghandhom jigu registrati bhala t-tieni u t-tielet isem, biex b'hekk tigi konsistentement maghrufa u msejjha bl-isem shih u cioe' dak ta' 'Michelle Borg Yan' bhala isem f'din is-sekwenza u 'Lau' bhala kunjom.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba u dan stante li din it-talba hija alternattiva ghall-ewwel talba.

3. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja

tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu interament sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru, 2019**